Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 102/2015

**HSBC Bank Malta plc**

**Vs**

**Maresco (Trading) Limited u Jeffrey Cassar li gie msejjah fil-kawza fit-18 ta' Gunju, 2015**

17 ta' Novembru, 2017.

1. Permezz ta' avviz tat-talba prezentat fit-30 ta' Jannar, 2015 fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, is-socjeta attrici talbet lit-Tribunal sabiex jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta' €2,839.99 wara li l-konvenuta iddepozitat cekk li wara rrizulta li kien misruq.

2. Is-socjeta konvenuta wiegbet li:-

   i. It-Tribunal m'ghandux kompetenza ghaliex it-talba mhijiex money claim.
   ii. Il-konvenuta ma twegibx ghat-telf li sofra l-bank (artikoli 1894, 1842 u 1843 tal-Kodici Civili).
   iii. Il-bank ghandu jagixxi kontra l-persuna li kkagunalha t-telf, li zgur mhijiex is-socjeta konvenuta.
   iv. Is-socjeta konvenuta kienet in *bona fede*.

3. Issejjah fil-kawza Jeffrey Cassar li wiegeb li l-pretensjoni hi preskritta, u li qatt ma xtara jew innegozja ma' xi hadd mill-partijiet.

4. B'sentenza tad-29 ta' Settembru, 2016 it-Tribunal cahad l-eccezzjonijiet kollha u laqa' t-talbiet tas-socjeta attrici u kkundanna lill-konvenuta u lill-imsejjah fil-kawza sabiex ihallsuha s-somma ta' elfejn tmien mija u disa' u tletin ewro u disa' u disghin centezmu (€2,839.99), bl-imghax mit-23 ta' Jannar, 2013 sad-data tal-hlas effettiv.

5. Fid-19 ta' Ottubru, 2016 is-socjeta konvenuta appellat mis-sentenza u s-socjeta attrici wiegbet. L-imsejjah fil-kawza ma wegibx.

6. **<u>Fatti.</u>**

Il-kawza tikkoncerna cekk (numru 825 f'isem Mary Vella, Premier Account tas-socjeta attrici) ghas-somma ta' €2,969.95 li fit-2 ta' Mejju, 2012 kien depozitat fis-*savings account* tas-socjeta konvenuta. Fit-3 ta' Mejju, 2012 is-socjeta konvenuta gibdet mill-kont taghha s-somma ta' €3,450 u b'hekk fil-kont kien ghad fadal bilanc ta' €264.43.

Ic-cekk inhareg favur Invicta Ltd u ghandu d-data tat-30 ta' April, 2012. Jirrizulta wkoll li ntuza mill-imsejjah fil-kawza meta xtara xi oggetti minghand Invicta Ltd. Inoltre, c-cekk kien misruq.

Irrizulta wkoll li fit-28 ta' April, 2012 l-istess kumpannija regghet iddepozitat fil-kont taghha tlett cekkijiet, dejjem mahruga favur Invicta Limited, ghas-somma ta' €3,737.80. Ic-cekkijiet huma wkoll ta' Mary Vella, u ghandhom id-data tad-19 ta' April, 2012 (€1,073.16), 23 ta' April, 2012 (€846), u 27 ta' April, 2012 (€1,818.64). Cekkijiet li kien jifformaw parti mill-istess chequebook li kien insteraq lil Mary Vella.

Mary Vella kien irraportat is-serq ta' handbag mill-karozza li fih kien hemm *chequebook*. Infurmat ukoll lis-socjeta attrici b'dak li kien gralha. Fil-fatt kien sar *stop payment* fuq ic-cekkijiet li kien hemm fic-chequebook. B'sentenza tas-6 ta' Gunju, 2012 tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Jeffrey Cassar kien instab hati li aghmel uzu minn cheque book ta' Mary Vella, minghajr permess u xtara diversi oggetti bih u ghaldaqstant aghmel qliegh ghad-dannu ta' haddiehor, kif ukoll aghmel falsifikazzjoni.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

7. Permezz tal-ewwel aggravju, l-appellanti ssostni li t-Tribunal ghal Talbiet Zghar m'ghandux kompetenza peress li l-pretensjoni ma kinitx dwar *money claim* minhabba li, *"... dak li kien qed jintalab mit-Tribunal biex jiddeciedi kien jesorbita mill-kompetenza tieghu ghaliex jirrikjedi ezami u pronunzjament fuq il-kuntratt ta' bejn l-esponenti u l-bank liema ezami jezorbita mill-kompetenza tat-Tribunal kemm ghaliex pronunzjament tal-validita o meno tat-transazzjonijiet relattivi fil-kont hija kompetenza ta' Qorti Superjuri u kemm ghaliex il-kont kien fih ammonti li jeccedu l-kompetenza tat-Tribunal".*

8. L-eccezzjoni li tat l-appellanti, kienet taqra:

   *"1. Illi in linea preliminari l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal li jiddeciedi dan il-kaz in kwantu t-talba attrici mhix money claim ai termini tal-Kap. 380".*

   Dan hu proprju dak li ddecieda dwaru t-Tribunal ghal Talbiet Zghar (ara pagni 10 sa 12 tas-sentenza).

9. Il-qorti ma taqbilx mal-appellanti, ghaliex:

i. Il-pretensjoni tal-attrici hi ghall-hlas ta' €2,839.99, li zgur hi *money claim*;
ii. Il-fatt li t-Tribunal kellu jqies x'tip ta' relazzjoni kuntrattwali jkun hemm bejn il-partijiet ma jwassalx biex il-kwistjoni ma tibqax dik ta' *money claim*.
iii. It-Tribunal ma ntalabx biex jiddeciedi dwar ic-cekkijiet l-ohra li nhargu precedentement ghal dak meritu tal-kawza. Il-kawza kienet tikkoncerna cekk partikolari li l-valur tieghu kienet taqa' fil-kompetenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar, u li wara li nghata lill-bank kien irrizulta li kien cekk falsifikat wara li kien insteraq minghand l-account holder (Mary Vella).

Ghaldaqstant, l-ewwel aggravju hu michud.

10. Permezz tat-tieni eccezzjoni l-konvenuta nvokat l-artikoli 1894, 1842, u 1843 tal-Kodici Civili. Fis-sentenza t-Tribunal qal:

*"It-Tribunal ra dawn l-artikoli tal-ligi u huwa tal-fehma li ma japplikawx ghall-kaz odjern. Il-kaz odjern huwa differenti minn dak li nsibu f'dawn l-artikoli tal-ligi u ghalhekk, it-Tribunal qieghed jichad ukoll din it-tieni eccezzjoni tas-socjeta intimata"*.

11. Fil-qosor:

- Artikolu 1842 – jaghti definizzjoni ta' x'inhu mutwu jew self ghall-konsum;
- Artikolu 1843 – jipprovdi li min jissellef isir sid il-haga mislufa, u jbati t-telf li jigri;
- Artikolu 1894 – jipprovdi li d-depozitu ta' flus hu regolat mid-disposizzjonijiet dwar il-mutwu.

12. Ghalkemm l-appellanti argumentat li t-Tribunal ma tax raguni x'wasslu biex jichad din l-eccezzjoni, dan mhux minnu tant hu hekk li qal li l-kaz in ezami ma kellux x'jaqsam mal-imsemmija disposizzjonijiet.

13. Mid-difiza tal-appellanti jirrizulta li hadet il-posizzjoni li r-relazzjoni guridika bejnha u l-bank kienet dik ta' mutwu (ara wkoll pagna 5 tan-nota ta' sottomissjonijiet li pprezentat fit-Tribunal). Il-qorti ma taqbilx. Is-socjeta appellanti ma marritx il-bank b'somma flus u ddepozitatha fil-kont bankarju taghha, izda fit-2 ta' Mejju, 2012 ipprezentat cekk ghas-somma ta' €2,969.95. Hu evidenti li min-naha tieghu l-bank pogga l-valur tac-cekk ghad-disposizzjoni tas-socjeta appellanti qabel sar *clearance* tac-cekk. Fil-fatt fit-3 ta' Mejju, 2012 Maresco (Trading) Limited gibdet mill-kont is-somma ta' €3,714.43. Dakinhar stess kien irrizulta li kien hemm *stop payment* fuq ic-cekk li fit-2 ta' Mejju, 2012 kien prezentat lill-bank. Ghaldaqstant, hu car li dan il-

kaz zgur li ma kienx wiehed ta' self ta' flus mis-socjeta appellanti lil HSBC Bank (Malta) plc. Inoltre, Maresco (Trading) Limited ma ddepozitatx flus.

14. Irrizulta wkoll kif fid-dokument li ffirma r-rapprezentant tal-appellant meta pprezenta c-cekk il-bank (fol. 31), hemm miktub:

*"Customers are advised that the Bank reserves the right at its discretion to postpone payment of cheques drawn against uncleared effects which may be credited to the account even if deposited in the branch where drawer's account is domiciled. It is also understood that the Bank reserves the right to claim refund and/or debit their account in respect of effects which are unpaid or lost in transit (without loss of exchange, where applicable) plus all charges or in case payment of effects is subsequently countermanded in terms of foreign or local law"*.

15. Kondizzjoni li turi li meta l-bank ikkredita l-kont tal-appellanti, ma kienx qieghed jaghti garanzija li c-cekk kien genwin jew li hemm bizzejjed *funds* fil-kont tad-*drawer* sabiex ic-cekk jigi onorat.

16. It-tielet aggravju jitratta dwar it-tielet u raba' eccezzjonijiet, li jaqraw:

*"3. Illi l-esponenti bl-ebda mod ma hi debitrici tal-bank attur. Semmai l-attrici ghandha tagixxi kontra min ikkawzalha t-telf li zgur mhix is-socjeta konvenuta. F'dan ir-rigward ghandu jigi kkjamat in kawza Geoffrey Cassar li ghamel uzu mic-cekk u sid l-istess cekk Maria Vella.*

*4. Illi l-eccipjenti bhala parti in good faith zgur li ma tistax tigi tenuta responsabbli ghat-talbiet attrici aktar u aktar meta kien il-Bank innifsu li wara l-verifiki tieghu informa lill-esponenti li kollox kien regolari"*.

17. Mir-ragunament fis-sentenza tat-Tribunal, hu evidenti li kkunsidra dawn l-eccezzjonijiet u ta ragunijiet ghalfejn cahadhom. Ghalkemm it-Tribunal accetta li l-appellanti kienet *in bona fede*, pero' kkonkluda li r-rimedju li kellha kien kontra l-imsejjah fil-kawza. It-Tribunal ghamel ukoll riferenza ghall-klawzola fil-*voucher* li ffirma Frank Galea u ddikjara li *"l-istess bank rikorrent kien ukoll protett b'dak li kien hemm miktub fuq id-deposit slip…."*.

18. F'kull qorti tosserva:

i. Ir-rimedju li kellu l-bank ma kienx biss fil-konfront tal-imsejjah fil-kawza, izda wkoll kontra Maresco (Trading) Limited. Kienet dik is-socjeta li pprezentat ic-cekk, li wara rrizulta li kien falsifikat ghaliex kien insteraq minghand sidu. Cekk li ma giex onorat ghaliex kien hemm *stop*

*payment*. Il-fatt li s-savings account tas-socjeta appellant gie *credited* bis-somma ta' €2,969.95 ma kinitx garanzija li c-cekk kien validu.

ii. Irrispettivament kienx hemm *stop payment* jew le tac-cekk, Invicta Limited ghazlet li tbiegh oggetti lil Jeffrey Cassar u accettat cekk fejn isem id-drawer kien Mary Vella. M'hemmx provi li meta nghatat ic-cekk ghamlet xi verifiki biex tifhem kif Jeffrey Cassar kien qieghed ihallas b'cekk iffirmat minn Mary Vella.

iii. Meta l-bank ircieva c-cekk ma kienx qieghed jaghti xi garanzija li c-cekk kien genwin jew li hemm il-flus fil-kont kurrenti tat-traent. Il-bank inghata cekk li wara rrizulta li kien falsifikat. Fid-dokument li ffirma r-rapprezentant tal-appellant meta fit-30 ta' April, 2012 ipprezenta c-cekk, jinghad car u tond li l-bank, *"Reserves the right to claim refund and/or debit their account in respect of effects which are unpaid"*. Kliem li hu car u ma jehtieg l-ebda interpretazzjoni. Meta Raymond Galea, ghan-nom ta' Maresco (Trading) Limited, iffirma dak id-dokument, accetta dik il-kundizzjoni. Dik hi r-rabta li hemm bejn iz-zewg partijiet, u l-appellanti ma tistax tahrab mill-obbligu li thallas billi tinvoka l-*bona fede* jew li dak li gara kien minhabba l-agir illegali tat-terz.

Fic-cirkostanzi t-tielet aggravju hu michud ukoll.

19. Permezz tar-raba' aggravju, l-appellanti nvokat il-principju tal-ekwita:

*"Illi tajjeb jigi rilevat illi t-Tribunal ghandu l-obbligu li jiddeciedi l-kaz abbazi tal-ekwita u l-appellanta thoss li meta wiehed jara c-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, l-ekwita kienet tiddetta li t-Tribunal jasal ghal konkluzjoni ferm diversa minn dik li wasal ghaliha u cioe' illi una volta stabbilit illi t-tort kollu kien tal-kjamat in kawza – li hu konvenut in toto fil-kawza – kellu jkun l-istess kjamat in kawza li jigi kkundannat ihallas u mhux ukoll l-appellanta"*.

20. Il-fatt li l-imsejjah fil-kawza wettaq reat billi xtara oggetti billi aghmel uzu minn cekk falsifikat, ma jfissirx li l-appellanti m'ghandhiex responsabbilta. It-Tribunal aghmel sew li qies x'kienet ir-relazzjoni guridika bejn il-bank u s-socjeta appellanti. L-applikazzjoni tal-ekwita ma jfissirx li t-Tribunal kellu jiskarta dik ir-relazzjoni guridika, u jiddeciedi biss kontra min wettaq ir-reat. Ghaldaqstant, ir-raba' aggravju hu michud.

21. Bil-hames aggravju l-appellanti tilmenta li t-Tribunal ghamel apprezzament zbaljat tal-fatti u provi. Il-qorti qrat l-atti u ma tistax taqbel mas-socjeta appellanti. Kuntrarjament ghal dak li ssostni l-appellanti, meta pprezentat ic-cekk, ma jirrizultax li l-kaxxier kien jaf li c-cekk meritu tal-kawza kien misruq. Hu minnu li qabel it-2 ta' Mejju, 2012, cjoe' d-data li Maresco (Trading)

Limited ipprezentat ic-cekk, Mary Vella kienet irraportat li c-*cheque book* kien insteraq u saret ordni ta' *stop payment* fuq ic-cekkijiet, inkluz dak oggett tal-kawza. Pero' hu evidenti li meta c-cekk kien gie pprezentat lill-kaxxier tal-bank, dan ma rrizultalux li kien hemm ordni ta' *stop payment*. Il-logika wkoll tghidlek li probabbilment li kieku l-kaxxier kien jaf b'tali fatt ma kienx ser jaccetta c-cekk. Wiehed jisa' joqghod jargumenta li ma jirriflettix tajjeb fuq il-bank li meta gie pprezentat ic-cekk, il-kaxxier ma ndunax li hemm *stop payment* fuqu. Pero' dan mhuwiex rilevanti ghall-ezitu tal-kawza. B'daqshekk ma jfissirx li l-kundizzjoni li hemm stampata iswed fuq l-abjad fil-*voucher* m'ghandhiex tapplika. Ir-realta' hi li:

- Invicta Limited bieghet oggetti lil Jeffrey Cassar u accettat cekk mahrug f'isimha. Cekk li ma nharigx minn Mary Vella u li rrizulta li gie falsifikat;
- Dak ic-cekk gie pprezentat il-bank li accettah taht kundizzjoni espressa. Il-bank qabad u kkredita l-kont savings tas-socjeta appellanti bil-valur tac-cekk;

Il-fatt li fir-*records* il-bank kellu taghrif li kien hemm ordni ta' *stop payment* fuq ic-check, ma jfissirx li l-bank irrinunzja ghal dik il-kundizzjoni meta l-kaxxier accetta c-cekk. Il-kundizzjoni fuq id-dokument a fol. 31 hi cara li l-bank mhuwiex jassumi r-riskju fuqu. Fir-realta wkoll il-bank ma kienx responsabbli li kkawza xi dannu lis-socjeta appellanti, in kwantu ma kellu x'jaqsam xejn mal-agir kriminali ta' Jeffrey Cassar. Inoltre, kienet Invicta Limited li hadet ir-riskju meta accettat cekk minghand persuna li ma kinitx Mary Vella.

22. Ghal dak li jirrigwarda 'l fatt li r-rapprezentant tal-appellanti fit-3 ta' Mejju, 2012 gibed is-somma ta' €3,450 mill-kont savings, hu minnu li t-Tribunal qal:

*"Fil-fehma tat-Tribunal, is-socjeta intimata indunat b'dak li kien ghamel il-bank fit-30 ta' April, 2012 ghar-rigward tac-cekkijiet li hija ddepozitat fit-28 ta' April, 2012 meta regghet iddepozitat ic-cekk fl-ammont ta' €2,969.95 fit-2 ta' Mejju, 2012 u kien ghalhekk li hija gibdet dan l-ammont flimkien ma' ammont iehor, b'kollox €3,450, fit-3 ta' Mejju, 2012".*

Taqbel jew ma taqbilx ma' din id-dikjarazzjoni tat-Tribunal, minn qari tas-sentenza hu evidenti li din ma kinitx ir-raguni li wasslet lit-Tribunal biex jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta u jilqa' t-talba tas-socjeta attrici.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra s-socjeta appellanti.**

Anthony Ellul.